# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-22 t'Ottubru 2019**

Appell numru 55 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Grazio ELLUL u Joseph ELLUL**

Il-Qorti :

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Jannar 2017 fil-konfront ta' **Grazio ELLUL, KI 112256M u Joseph ELLUL, KI 633553M** fejn ġwe mixlija talli:

Nhar it-Tnejn 24 t'Awissu 2015 u fis-snin ta' qabel, fil-fond 51, Joseph, Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar u f'dawn il-Gżejjer ittrasferew jew b'xi mod ieħor iddisponew minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(e) tar-regolament 4 tal-L.S. 504.71 mingħajr ma talbu lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u mingħajr ma kienu awtorizzati bil-miktub li jagħmlu dak it-trasferiment jew id-disponiment u dan bi ksur tar-regolament 4(2) tal-L.S. 504.71

1. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati u semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat ir-regolamenti 4(2) tal-L.S. 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u kkundannathom għall-piena ta' multa ta' ħames mitt euro (€500) u ssospenditilhom l-liċenza għal żmien sentejn minn dakinhar tas-sentenza.

2. Rat l-appell intavolat mill-ħatja permezz ta' rikors li jġib id-data tas-6 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu huma qajmu żewġt aggravji, li in suċċint, huma :

(a) Li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellanti fl-ebda stadju ma kellhom intenzjoni li jiskru l-Liġi u l-aġir tagħhom kien riżultat ta' konvinzjoni li setgħu jiddisponu mit-tajr minghajr ma jottjenu l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita kompetenti;

(b) Li anke fl-affidavits eżebiti mill-Prosekuzzjoni deher ċar li l-uffiċjali tal-Pulizija wetqu tfitxija li ma kien hemm ebda rieda doluża da parti tal-appellanti u fil-fatt il-Pulizija stess saħansitra ddikjara fl-affidavit tiegħu li dak kien jidher żball ġenwin.

3. Illi din il-Qorti kellha terġa tisma' mill-ġdid ix-xiehda ta' Richard Lia li kien xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll dik tal-appellant Grazio Ellul minħabba li d-deposizzjoni tagħhom ma kienetx traskritta.

4. Richard Lia saħaq li fl-24 t'Awissu 2015 it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi ġiet mitluba mill-Pulizija tal-ALE biex imorru fuq fond f'Ħaż-Żabbar fejn kien hemm preżenti l-appellanti fejn wara li ġew murija vetrina ssiġillata mill-Pulizija huma kellhom jivverifikaw jekk l-għasafar ibbalzmati li kien hemm fil-vetrina kienux kollha reġistrati u jekk kienux għadhomx kollha f'dak il-post.

5. Sar dan l-eżami ta' verifika u instab li kull għasfur li kien hemm fil-vetrina kien ġie debitament iddikjarat. Biss irriżulta wkoll li tlieta u tletin eżemplari ma kienux preżenti fuq il-post. Dan in-nuqqas irriżulta wara li l-appellanti kienu amalgamaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom flimkien fis-snin 1998 u 2003 u bejn din il-lista amalgamata u l-għasafar li kien hemm fil-vetrina fuq il-post irriżulta li kien hemm nuqqas ta' tlieta u tletin għasfur. Dan ix-xhud ikkonferma d-dokumenti eżebiti fl-atti u li kienu ġew depożitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Huwa saħaq ukoll li skont ir-regolament 4(2) tal-L.S. 504.71 l-appellanti kienu obbligati li jitlobu l-permess tal-Awtoritajiet qabel ma jiddisponu minnhom. Huwa kkonferma wkoll li l-appellanti qatt ma għamlu din it-talba.

6. In kontro-eżami Lia kkonferma li meta kienet saret ir-reġistrazzjoni tat-tajr fl-1998 u fl-2003 l-appellanti ma kienu ingħataw ebda dokumentazzjoni li kienet tindika li dawn riedu jitolbu permess mid-Dipartiment tiegħu **<u>qabel</u>** ma huma jkunu ddisponew mit-tajr in kwistjoni. Huwa jgħid li minħabba li f'dawk iż-żminijiet kienet ingħatat amnistija, kienu daħlu ammont enormi ta'

reġistrazzjonijiet li l-proċess ta' verifika tagħhom kien għadu għaddej fl-2015. F'dan il-każ, l-ewwel spezzjoni mid-Dipartiment li kien jaħdem dan ix-xhud miegħu fir-residenza tal-appellanti kienet saret fl-2015.

7. Il-Qorti rat ukoll l-affidavits ta' PS1116 V. Bartolo minn fejn jirriżulta l-azzjoni li ħadet il-Pulizija f'dan il-każ.

8. Minbarra dawn, xehed ukoll l-appellant Grazio Ellul. Dan qal li madwar tmintax il-sena ilu, kellhom xi tajr li kien fid-dar t'ommu u li kienu reġistrati fuq ħuh Joseph. Huwa kien iddeċieda li jieħu lill-ommu fid-dar tiegħu u mbagħad kienu ddeċidew li jagħmlu t-trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-kollezzjoni tal-għasafar kollha, inkluż dawk fuq ħuh, għal fuq id-dar tiegħu. Jgħid li biċċiet minn dawn l-għasafar kienu antiki u wħud minnhom beda jaqgħalhom ir-rix filwaqt li oħrajn beda jittrabbielhom id-dud. Meta ra hekk, biex ma jiġux ukoll imdakkrin l-għasafar l-oħra li kienu għadhom tajbin, iddeċidew li jarmu dawk l-għasafar li kienu mdewda jew altrimenti mhux f'kundizzjoni tajba, jew kif jgħidu hu, spiċċuti.

9. Grazio Ellul itenni li meta marru l-Pulizija fir-residenza huma kienu staqsewh fuq l-għasafar u huwa kien weġibhom bl-istess mod. Huwa jikkonferma li t-tjur kienu ġew reġistrati mal-Awtorita'. Iżda jtenni wkoll is-segwenti : -

> Pero', sorry, meta gharmejna t-tejr ahna qisu mit-2003 kienu, met ghamilt it-transfer minghand ommi xi haga hek, wara li ghamilna t-transfer....ifhimni jien bhal ma harget il-ligi li ghasafar li ghandna tal-priza selvaggi irridu nirregistrawhom bhal ma rregistrajt dawk li kieku kont li kelli l-ligi hekk ha narmu irridu nirregistrawhom kont naqbad u mmur

> nirregirahom mill-ewwel ux....Le, ghamilna t-transfer, ghax dan ma tistax taqbad iggorr minghajr ma jkollok it-transfer, ghamilna t-transfer tawna l-go ahead u gerrejnhihom id-dar tieghi. Wara li ghamilna t-transfer imbaghad bdejna innadfu x'ghandna hziena u tajbin.

***Ikkunsidrat : -***

10. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

11. Anke jekk tistħarreġ ix-xiehda tax-xhieda li xehdu fl-Ewwel Istanza, din xorta tibqa' Qorti ta' reviżjoni u mhux ritrattazzjoni. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, din il-Qorti terġa tanalizza l-provi u l-argumenti fattwali u legali li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza – iżda ma tagħmilx dan biex tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Qorti tal-Prim'Istanza.

12. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti ta' Prim'Istanza.[2] Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali teżerċita setgħa ta' reviżjoni billi tanalizza jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew prodotti u tal-argumenti fattwali u legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa f'dan is-sens u għalbiex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

13. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet apprezzament leġittimu u raġonevoli tal-provi u tkun għamlet analiżi korretta u raġonevoli tal-argumenti legali u fattwali imresqin quddiemha, din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa minn dik il-Qorti tal-Prim'Istanza. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tiġi konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew tal-argumenti fattwali u legali imresqin quddiemha, b'mod li din il-Qorti tħoss li la jkun sigur u l-anqas sodisfaċenti tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, imbagħad din il-Qorti għandha s-setgħa li eċċezjonalment tiddisturba l-eżami, apprezzament, diskrezzjoni u deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati u tibdilhom skont il-każ.

14. F'dan il-każ jirriżulta pruvat il-fatt li l-appellanti, wara li kienu għamlu l-amalgamazzjoni tal-kollezzjoni tal-għasafar balzmati flimkien u wara li għamlu r-reġistrazzjoni tagħhom, l-ewwel mad-Dipartiment tal-Ħarsien ta' l-Ambjent fil-5 ta' Marzu 1998 u wara mad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent – MEPA fit-30 ta' Mejju 2003, huma kienu ddisponew minn tlieta u tletin eżemplari. Dan il-fatt ġie stabbilit lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni wara l-ispezzjoni li kienet saret fil-fond 51, Joseph, Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar.

15. Illi ġie stabbilit li ai termini tar-regolament 4(2) tal-L.S. 504.71 viġenti meta kienet saret l-ispezzjoni fl-24 t'Awissu 2015 :

> Kull minn bi ħsiebu jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jiddisponi minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(*e*) għandu jagħmel dan wara talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha, fid-diskrezzjoni tagħha, tawtorizza bil-miktub dak it-trasferiment jew id-disponiment wara li jkun tħallas id-dritt elenkat fl-Iskeda X.

16. Mill-provi jirriżulta ukoll pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellanti naqsu milli jagħmlu din it-talba **qabel** ma huma ddisponew mill-għasafar ibbalzmati imsemmija f'dan il-każ. Dan ir-regolament jeżiġi li tali talba trid issir **qabel** ma dak li jkun jiddisponi jew jitrasferixxi għasfur imsemmi fis-subregolament 1(e) ta' din il-Liġi Sussidjarja. Jiġifieri l-ewwel dak li jkun jagħmel il-ħsieb li jiddisponi jew jittrasferixxi, imbagħad japplika għal permess, joħroġ il-permess u mbagħad jekk dan ikun ħareġ, dak li jkun ikun jista' jiddisponi jew jittrasferixxi l-għasfur in kwistjoni skont kif speċifikat fil-permess maħruġ. Ir-reat iseħħ il-mument li dak li jkun jitrasferixxi jew jiddisponi mill-għasafar de quo mingħajr ma qabel ikun applika għall-permess mingħand l-Awtorita biex jagħmel dan. Il-mument li dak li jkun iddispona mill-għasafar, ikun inutli imbagħad li jmur jitlob il-permess tal-Awtorita għax it-trasferiment jew disponiment ikun sar mingħajr ma tali talba preċedenti tkun saret. Il-ksur ta' dan ir-regolament iseħħ hekk kif il-persuna tonqos milli tapplika għall-permess qabel ma tiddisponi jew titrasferixxi l-għasfur u minkejja dan titrasferixxi jew tiddisponi mill-għasfur xorta waħda – irrispettivament minn meta jiġi mikxuf li hija tkun iddisponiet minn dawn l-għasafar.

17. F’dan il-każ il-Prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-fatt li l-appellanti naqsu milli jitolbu dan il-permess qabel iddisponew mit-tlieta u tletin għasfur merita ta’ din l-azzjoni. Iżda fil-kontemp, għalkemm il-Prosekuzzjoni indikat li dan ir-reat seħħ “*it-Tnejn 24 t’Awwissu 2015 u fis-snin ta’ qabel*” hija naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni eżattament **meta** l-appellanti iddisponew minn dawn l-għasafar mingħajr ma talbu l-permess biex jagħmlu dan; b’mod li allura jkun jista’ jingħad li l-appellanti kisru r-regolament 4 tal-Liġi Sussidjarja 504.71.

18. Dan qiegħed jingħad għaliex mill-provi prodotti huwa biss l-appellant Grazio Ellul li jagħti indikazzjoni ta’ żmien dwar meta hu u ħuh fil-fatt iddisponew mill-għasafar imsemmija. Huwa jgħid li l-għasafar irmewhom qisu mit-2003 – fi kliemu *meta gharmejna t-tejr ahna qisu mit-2003 kienu*. Apparti din ma hemm ebda indikazzjoni oħra dwar meta dan it-tajr ġie mormi minnhom. L-unika data ċerta hija dik tal-ispezzjoni fuq il-post, jew skont PS1116 V. Bartolo d-data ta’ meta l-mandat maħruġ mill-Maġistrat Dottor Josette Demicoli ġie eżegwit mill-Pulizija, jiġifieri nhar it-30 ta’ Lulju 2015. Biss dawn id-dati jirreferu għal meta r-reat ġie mikxuf u mhux meta r-reat ġie mwettaq. Għad-data dwar meta ġie mwettaq ir-reat de quo l-unika indikazzjoni sura tibqa’ dik mogħtija mill-appellant Grazio Ellul, li bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni.

19. Dan id-dettall huwa importanti ħafna għal dan il-każ. Ir-raġuni hija li r-regolament 4(2) l-anqas kien daħal fl-ewwel verżjoni tal-A.L. 79 tal-2006 iżda kien daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-A.L. 39 tal-2007. U għalhekk il-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li n-nuqqas tal-appellanti li jitolbu għall-ħruġ ta' permess mill-Awtorita kompetenti biex jiddisponu mill-għasafar *de quo* kien sar **<u>wara</u>** d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Avviż Legali u li huma ddisponew minn dawn l-għasafar wara li daħal fis-seħħ dan l-Avviż Legali. Din il-prova ma jirriżultax li ġiet imresqa mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Prosekuzzjoni ma setgħetx tistrieħ fuq id-data ta' meta saret l-ispezzjoni u tqisha bħala dik li fiha ġie kommess ir-reat de quo. Dwar li kienet teżisti inċertezza da parti tal-Prosekuzzjoni dwar meta seħħ ir-reat jidher evidenti wkoll mill-mod kif ġiet redatta l-komparixxi fejn, b'mod mill-aktar ġeneriku ssemmi mhux biss id-data tal-ispezzjoni, iżda wkoll "*u fi snin ta' qabel*". Din il-formula xejn feliċi pero ltaqgħet ma ostaklu li l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tegħleb in kwantu ma kellhiex il-prova ta' meta seħħ id-disponiment tal-għasafar. Dak li jsawwar ir-reat mhux daqstant in-nuqqas tal-permess fih innifsu, daqskemm il-fatt li dak li jkun jilħaq jiddisponi mill-għasafar mingħajr ma jkun talab għal tali permess, ħallas id-dritt elenkat fl-Iskeda X u ottjena l-awtorizzazzjoni għal dan id-disponiment. Ir-reat ikun seħħ meta l-għasafar ikunu ġew disposti mingħajr ma qabel dak li jkun ikun talab il-permess, ħallas id-dritt elenkat fl-Iskeda X u ottjena l-awtorizzazzjoni għal dan id-disponiment. F'dan is-sens dan huwa reat istantaneu.

20. Fid-dawl ta' dan il-kwadru probatorju u legali, il-Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment issib lill-imputata appellanti ħatja tar-reat de quo. Dan qiegħed jingħad għaliex stando ma dak li xehed l-appellant Grazio Ellul, u ċjoe li hu u ħuh ko-appellant kienu ddisponew minn dawn l-għasafar wara li rreġistraw l-għasafar fl-2003 u għall-ħabta tal-2003, il-fatt tad-disponiment tal-għasafar seħħ kważi erba' snin qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess regolament 4(2) tal-L.S. 504.71. Konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati, b'din il-prova kellha quddiemha xenarju fejn ġie pruvat, almenu fuq il-bażi tal-probabbli mill-imputat appellant, li huwa u ħuh kienu ġew mixlija li wetqu reat qabel ma' dik il-Liġi li ħolqot ir-reat innifsu, u li bih ġew mixlija, kienet daħlet fis-seħħ.

21. Dan iwassal għalbiex jispjega għaliex l-appellanti tennew, anke *a tempo vergine*, li ma kienux jafu b'dan ir-rekwiżit. Gie pruvat li dan in-nuqqas kien dovut għall-fatt li dak iż-żmien li huma kienu għamlu l-aħħar reġistrazzjoni, ċjoe f'Marzu tal-2003, ir-regolament 4(2) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 ma kienx għadu ġie fis-seħħ. Ġie pruvat mill-appellenti li probabbilment huma ddisponew mill-għasafar għall-ħabta tas-sena 2003 u ċjoe qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament 4(2), li kif ingħad qabel ma daħalx mill-ewwel, iżda daħal biss bl-Avviż Legali 39 tal-2007. B'hekk huma ma kienux jafu bir-regolament, mhux għaliex huma ma kienux jafu bih, iżda għaliex dan ir-regolament ma kienx għadu jeżisti u dan peress li dan

ir-regolament ġie fis-seħħ fl-2007. Id-Difiża għalhekk kienet ippruvat li fuq il-bażi tal-probabbli, dan ma kienx każ ta' *ignorantia iuris* iżda kien każ fejn kien għad m'hemmx fis-seħħ ir-regolament li jnissel l-obbligi legali u konsegwentement dak li joħloq ir-reat innifsu fil-każ t'inadempjenza ma dak l-obbligu. Dan naturalment qiegħed jingħad mingħajr ħsara għal dak li setgħa kien maħsub fir-regolamenti preċedenti dawk li daħlu fis-seħħ bl-Avviż Legali 79 tal-2006 jiġifieri r-Regolamenti tal-1993 dwar l-Għasafar u l-Fenek Selvaġġ jew regolamenti oħra talvolta applikabbli, li pero ma saritx riferenza għalihom f'dawn il-proċeduri, li huma msejsa fuq ir-regolament 4(2) tal-Avviż Legali 79 tal-2006.

# ***Deċide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***